Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 683/2013

**Joseph Tabone**

**Vs**

**Nazzareno Formosa**

28 ta' Lulju, 2017.

1. B'avviz tat-talba prezentat fis-16 ta' Ottubru, 2013 l-attur harrek lill-konvenut ghas-somma ta' elfejn u ghoxrin ewro (€2,020), *"bilanc minn self akbar maghmul mill-attur lill-konvenut brevi manu, wara li l-konvenut kien talab is-self lill-attur ghax allega li martu kienet marida serjament u kellu bzonn isifirha"*. Il-konvenut wiegeb li ma kienx debitur tal-attur.

2. B'sentenza tas-16 ta' Settembru, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' sitt mitt euro (€600), wara li kkonkluda li:

   *"… mill-provi jirrizulta li l-pagamenti saru mill-konvenut fl-ammont ta' elfejn sitt mija u ghoxrin ewro (€2,620) u ghalhekk il-bilanc li baqghalu jhallas il-konvenut huwa ta' sitt mija (€600)".*

3. L-attur appella mis-sentenza u lmenta mill-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal.

4. Il-konvenut, notifikat ma wegibx.

5. Fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2017 saret it-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet u l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

6. Hu maghruf li fejn appell jitratta ilment mill-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel stadju, qorti ta' revizjoni m'ghandhiex facilment tiddisturba dak l-apprezzament; *"Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha"* (**Borg v. Galea**, Qorti tal-Appell, 3 ta' Marzu 2011). F'kull kaz qorti ta' revizjoni xorta ghandha d-dmir li

tikkunsidra bir-reqqa l-provi li jkunu tressqu fl-ewwel stadju u tiddeciedi jekk a bazi ta' dawk il-provi setatx tinghata s-sentenza oggett tal-appell. L-appell hu fih innifsu rimedju li jservi bhala mezz biex jigu korretti zbalji li jkunu ttiehdu fl-ewwel stadju u ntiz sabiex kemm jista' jkun jassigura li l-qrati jaghmlu decizjonijiet korretti. Hu ghalhekk essenzjali li qorti ta' revizjoni taghmel apprezzament tal-fatti kollha tal-kaz.

7. Skont it-Tribunal, il-verzjoni li ta l-konvenut hi:

*".... li huwa ssellef tlett elef ewro (€3,000), li minnhom hallas elf ewro (€,1000) u tlett icrieket li hallashom Philip Sciberras it-tifel t'ohtu, hames mitt ewro (€500), mitejn ewro (€200), tlett mitt ewro (€300) u tlett mitt ewro (€300) cioe' elf u tlett mitt ewro (€1,300) li hallas il-konvenut u li minnhom baghat il-pagament ta' tlett mitt ewro (€300), mitejn ewro (€200) u tlett mitt ewro (€300). Ghalhekk il-konvenut qed ighid li hallas elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) u tlett icrieket tad-deheb"*.

Pero' dak li rrapporta t-Tribunal bhala fatti m'huwiex preciz. Fil-fatt il-konvenut xehed li:

i. Issellef minghand l-attur is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000). L-ewwel darba ssellef is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) u t-tieni darba elf ewro (€1,000).
ii. **L-ewwel somma li ssellef kien hallasha permezz ta' pagamenti ta' hames mitt ewro (€500) kull darba**. It-Tribunal ma semmiex dawn il-hlasijiet u minflok qal li l-konvenut hallas, "*elf ewro (€1,000) u tlett icrieket li hallashom Philip Sciberras it-tifel t'ohtu"*, meta ma jirrizultax li qal hekk.
iii. It-tieni somma ta' elf ewro (€1,000) kien hallasha permezz ta' pagamenti li kien jibghat ma' certu Joseph Vella; *"Fir-rigward tieghi jiena tajtu hames mija, mitejn u mbaghad ergajt tajtu tliet mija u tliet mija ohra, li jiena kont bghatthom ma' Joseph Vella"*, cjoe' total ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300).

8. Joseph Vella xehed li kien imur ihallas lill-attur u b'kollox hallsu s-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300).

9. Skont dokument li pprezenta l-attur a fol. 20, l-attur sellef lill-konvenut is-somma ta' €2,000 fl-1 ta' Settembru 2009, €1,000 ma jinghadx meta u €320 fis-17 ta' Jannar, 2010. Hawn ukoll it-Tribunal zbalja meta qal li, *"Mill-provi jirrizulta li pagament ta' elf ewro (€1,000) sar ghax imnizzla fid-dokument fol. 20 ....."* Is-somma ta' €1,000 li tissemma fid-dokument m'huwiex hlas izda somma li l-attur sellef lill-konvenut (ara spjegazzjoni li tat mart l-attur). It-Tribunal ukoll ma kienx korrett meta qal li, "*.... il-verzjoni tal-dokument ezebit mill-attur u li jinsab a fol. 20 ighid li saru s-segwenti pagamenti; elfejn ewro (€2,000) fl-*

*ewwel (01) ta' Settembru, 2009; elf ewro (€1,000) bla data; tlett mija u ghoxrin ewro (€320) fis-sbata (17) ta' Jannar 2010……".* Dawk m'humiex pagamenti izda self. Kieku kienu pagamenti jkun ifisser li l-konvenut hallas iktar milli ssellef. Pero' din ma kinitx il-verzjoni li ta l-konvenut. Ghaldaqstant, ma kienx korrett it-Tribunal ukoll meta qal li, *"… il-pagamenti kollha li l-konvenut xehed li ghamel jirrizultaw li thallsu ghax imnizzla mill-mara tal-attur stess a fol. 20. Kif jirrizulta mill-istess li kienu thallsu l-elfejn ewro (€2,000) li kien qabel issellef il-konvenut".* Id-dokument a fol. 20 m'huwiex juri biss il-pagamenti izda wkoll il-flus li l-attur sellef lill-konvenut, apparti li ma jsemmi xejn dwar il-pagament ta' €2,000 li l-konvenut qal li ghamel permezz ta' pagamenti ta' €500 kull darba.

10. **Minn dak li nghad hawn fuq huma evidenti zbalji li t-Tribunal ha fl-evalwazzjoni tal-provi, u li fformaw il-bazi tas-sentenza tas-16 ta' Settembru, 2016. Għalhekk din il-qorti ma tista' qatt taqbel mar-raġunament tat-Tribunal.**

11. Il-konvenut ma jikkontestax li ssellef minghand l-attur is-somma ta' €3,000. Madankollu xehed li thallset. Jekk wiehed jemmen il-verzjoni li ta dwar il-pagamenti, jigi li b'kollox hallas is-somma ta' €3,800, cjoe' €800 iktar mis-somma li qal li ssellef minghand l-attur.

12. Fid-dokument a fol. 20 kif spega l-attur (fol. 18) u martu, jinghad ukoll li saru erba' pagamenti: €500 fil-15 ta' April, 2012; €300 fil-11 ta' Gunju 2012; €200 fl-24 ta' Ottubru 2012; u €300 fid-29 ta' Jannar, 2013. **Total ta' €1,300**.

13. Ma jirrizultax li meta kien isir il-hlas, l-attur kien johrog ricevuta. Pero' din m'hijiex xi prova *sine qua non* biex il-konvenut jaghti prova tal-hlas. **Fil-fatt hlas jista' jigi ppruvat bi kwalsiasi mod diment li jikkonvinci lil min irid jiggudika**.

14. Fis-sentenza **Giuseppe Darmanin vs Salvatore Muscat** tat-23 ta' Frar, 1065, il-Prim'Awla qalet:

    *"Min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (Kollez. XXXVII.i.535) jekk ma jigix pruvat, kif del resto ma sarx, b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (Kollez. XXXV.iii.604; App. Inf. in re Cassar vs Agius, deciz fid-9 ta' Lulju, 1924; P.A. in re Cricchiola v Puliz deciza fid-19 ta' Jannar, 1965)".*

15. Pero' mbaghad fis-sentenza **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** tas-27 ta' Mejju 1970, il-Prim'Awla qalet:

    *"Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni, li, ghalkemm kif*

*dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova il-pagament li hu jallega, **f'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut, ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu**. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, n-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja lQorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu".*

16. Il-qorti tosserva li:

    i. ghalkemm il-konvenut xehed, *"Fir-rigward tal-ewwel elfejn ewro kont hallastu ghax kieku ma kienx jaghtini t-tieni lott ta' two thousand"*, dan mhux bilfors hekk. Is-somma ta' elf ewro (€1,000) ma kinitx xi somma kbira li probabbilment l-attur ma kienx isellifha lill-konvenut qabel jithallas l-ewwel self.

    ii. il-konvenut ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn bil-hlas kien qieghed imur Joseph Vella, li jirrizulta li kienet il-persuna li originarjament kellem lill-attur u talbu biex isellef xi flus lill-konvenut. Jekk kif qal l-attur kien hemm hames darbiet meta mar personalment ihallas lill-konvenut €500 gewwa kamra, x'kien il-bzonn li ghall-hlasijiet l-ohra jibghat lil haddiehor biex isir pagament? Twegiba ghal din id-domanda mhemmx.

    iii. Il-konvenut ma ta l-ebda hjiel taz-zmien li fih ghamel hames pagamenti ta' €500 kull darba.

    iv. Jekk il-konvenut hallas l-ewwel self ta' €2,000, x'kienet ir-raguni ghalfejn fir-rigward tat-tieni self hallas is-somma ta' €1,300 meta qal li kien issellef is-somma ta' €1,000 ? L-istess mhemmx risposta ghal din id-domanda.

    v. Il-konvenut qal ukoll li seta' jipprova li hallas is-somma ta' €2,000 mill-*mobile* tieghu, minhabba d-drabi li cempillu l-attur jitolbu l-hlas. Pero' data f'dan ir-rigward baqa' ma pprezentax.

    vi. Li hu stramb ukoll hu kif il-konvenut lanqas m'appella mis-sentenza tat-Tribunal li kkundannah ihallas is-somma ta' €600. Dan meta skont ma rrakkonta fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2015, id-dejn hallsu kollha.

17. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti m'hijex konvinta li probabbilment il-konvenut hallas id-dejn.

**Ghal dawn il-motivi thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-16 ta' Settembru, 2016 u filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn u ghoxrin ewro (€2,020), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenut**.

Anthony Ellul.